# IL-PAPAT TAL-15 SEKLU

**Papa Ewgenio IV**

Gabriele Condulmer twieled fis-sena 1338 minn familja sinjura venezjana. Huwa qassam il-gid tieghu u dahal mal-kanonci regolari ta' Santu Wistin. Zijuh Girgor XII ghamlu kardinal



fis-sena 1408. Kien leali lejn zijuh u mar Kostanz meta Girgor abdika. Huwa gie maghzul papa ma' l-ewwel ghadd u ha l-isem ta' Ewgenju IV.



Il-persuna tieghu kienet tispira reverenza. Il-generozita' u r-religjozita' tieghu ghamluh papa mahbub. L-esperjenza fil-hajja ghallmitu aktar fuq id-diplomazija. Huwa ta aktar seta' lill-kardinali, pjuttost aktar milli kien jisthoqilhom. Ha mizuri horox kontra l-familja ta' Martin V imma l-qawwa li kienet tgawdi l-familja Colonna ghelbitu tant li kellhom ikunu l-ghajnuniet ta' Firenze, Venezja u Napli li gaghluhom jaslu fi ftehim. F'Ruma sehhet rivoluzzjoni li baghtet lil Papa Ewgenju jigri lejn Firenze jsib

il-kenn, imma ftit wara l-gvern tal-papa rega' gie stabbilit.

L-akbar problema ta' Ewgenju kien il-koncilju li Martin V laqqa' gewwa Basilea fl-Isvizzera. Il-koncilju ha r-riedni f'idejh u bi hrug ta' digrieti rivoluzzjonarji pprova jillimita d-drittijiet tal-papa fit-tmexxija materjali. Ghal mument is-sitwazzjoni kienet wahda mhawwda, imma l-biza' li timbet xi xizma ohra tant bezzghet sahansitra lil aktar nies ghorrief, li meta l-Papa ttrasferixxa l-koncilju ghal Ferrara, il-mexxejja kollha obdew. Xi isqfijiet flimkien ma' kardinali u xi teologi sfidaw il-Papa biex jibqghu Basilea. Dawn ma gharfux lil Ewgenio bhala Papa u minn naha taghhom ghazlu li Amadeus ta' Savoja li ha l-isem ta' Felic V. Ghal zmien qasir deher li din ix-xizma se trabbi gheruqha imma sa dan it-tant bdew isehhu hwejjeg kbar gewwa Ferrara u Firenze fejn il-koncilju kien gie trasferit.

L-imperatur tal-Lvant Giovanni VII, ghatxan ghal ghajnuna mill-Punent biex jelgheb lit-Torok mar akkumpanjat minn dinjitarji gholja fil-koncilju ta' Ferrara biex jerga jinghaqad ma' Ruma. Gewwa Firenze giet proklamat din l-ghaqda solleniment. Kien hemm ferh kbir li x-xizma tal-Lvant issa giet imfejqa, imma din l-ghaqda ghalkemm accettata minn nies bhal ma kienu Bessarion u Sidor ta' Kiev, ma kienitx popolari gewwa Kostantinopli u baqghet fis-sehh sa ma waqa' l-imperu fis-sena 1453.

Ghall-koncilju waslet ukoll delegazzjoni Armenja biex jichdu l-

eresija Monofista u mill-gdid jidhlu fil-merhla tal-knisja kattolika.  Il-Kopti u l-Abbisinji ghamlu bhalhom.  Ghalkemm din l-ghaqda kienet haga ta' ftit zmien u temporanja, kellha s-siwi taghha.  Kienet importanti ghaliex  xi gruppi zghar baqghu fidili lejn Ruma. F'Basilea l-Hussiti tal-Boemja ukoll riedu l-ghaqda mal-knisja kattolika.  Dan il-frott tal-koncilju Basilea - Ferrara - Firenze huma sinifikattivi hafna ghaliex dan ir-ritorn tal-knejjes tal-Lvant taw prestigju lil papat.

Ewgenju ipprova jirriforma l-knisja izda kien preokkupat hafna bil-koncilju.  Kien bniedem li ta' ezempju tajjeb bil-hajja ta' tjieba u karita'. Huwa pprova jorganizza krucjata kontra t-Torok imma malajr sfaxxat b'bahar ta' dmija gewwa Varna.  Huwa rnexxilu jinnegozja konkordat ma' l-Imperu Bizantin.

Zmien ir-rinaxximent beda juri l-ewwel sinjali tieghu u l-Papa ghamel hiltu kollha biex jimbuttah 'l quddiem.  Ta ordni biex jinhadmu l-bibien tal-bronz li ghadhom jezistu fid-dahla ta' San Pietru. Huwa ikkummissjona lil Fra Angeliku biex jiddekora il-kappella l-gdida fil-Vatikan.

Ewgenju IV miet fi Frar 23, 1341.  Huwa mexxa l-knisja fi zminijiet tassew imqallba.